MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 72/2007

**Kawża Numru 8**
**Rik. Nru. 72/07JRM**

Anthony **VASSALLO**

vs

Vincent **VASSALLO**, Mario Vassallo, Gabriel Vassallo, Joseph Vassallo u Dorothy Aġius mart Saviour Aġius

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta' Jannar, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) tordna lil ħutu mħarrkin biex jimmittuh fil-pussess tal-

legati mħollijin lilu fit-testment *unica charta* tal-ġenituri tagħhom Carmelo u Maria Carmela Vassallo tat-23 ta' Ġunju, 2001, fl-atti tan-Nutar Dottor Dorita Galea Medati, u jiġifieri (i) ta' sehemu mill-*garage* bla numru li jinsab fi Triq Santa Katerina, r-Rabat, sottopost għall-fond bl-isem ta' "*Joyant*" u (ii) ta' sehemu mill-fond bla numru imma jġib l-isem ta' "*Dorsam*" fi Triq Emanuele Stivala, r-Rabat, sovrappost għal *garage* li għandu bieb għal fuq Triq Kola Xara, (iii) flimkien mas-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) bħala prelegat; (b) taħtar Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att nutarili relattiv tal-immissjoni tal-pussess fil-jum, post u ħin li jogħġobha tistabilixxi; u (ċ) taħtar kuraturi biex fuq l-att jidhru f'isem dawk li jonqsu li jersqu. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Frar, 2007, li bih ordnat in-notifika tar-Rikors lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-3 ta' April, 2007, li biha l-imħarrkin Dorothy Aġius u Joseph Vassallo laqgħu għat-talbiet attriċi billi qalu li l-kawża tressqet qabel waqtha għaliex huma qatt ma rrifjutaw li jqiegħdu lill-attur ħuhom fil-pussess tal-legati lilu mħollija, sakemm huwa wkoll iqiegħed lilhom fil-pussess tal-legati mħollija lilhom skond ir-rieda testamentarja tal-istess ġenituri tagħhom. Billi huma kienu għarrfuh b'dan kollu b'att ġudizzjarju mibgħut lilu qabel l-att ġudizzjarju li huwa bagħat lilhom, iqisu li l-azzjoni tal-attur kienet bla bżonn u vessatorja. Minħabba f'hekk, huma kienu qegħdin iressqu wkoll kontro-talba;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-imħarrkin Dorothy Aġius u Joseph Vassallo li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li l-Qorti (a) tordna lil ħuhom l-attur rikonvenzjonat biex iqegħedhom fil-pussess tal-legati mħollijin lilhom bis-saħħa tat-testmenti tal-ġenituri tagħhom, u jiġifieri (i) lil Dorothy Aġius in-nofs mhux maqsum tal-post numru 48, Triq il-Kbira, Rabat, flimkien man-nofs mhux maqsum tal-għamara u l-oġġetti mobbli li jinsabu fl-istess fond u (ii) lil Joseph Vassallo l-fond mingħajr numru imma li jġib l-isem "*Joyant House*" fi Triq Santa Katerina, r-Rabat, flimkien

mal-jedd tiegħu li jipparkja l-karozza tiegħu jew dik ta' martu fil-*garage* sottopost għall-imsemmi fond; (b) taħtar Nutar Pubbliku biex fil-jum, ħin u post li l-Qorti jogħġobha tistabilixxi, jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-legati mħollijin lilhom skond ir-rieda testamentarja tal-ġenituri tagħhom; u (ċ) taħtar kuraturi deputati biex jidhru fuq l-imsemmi att f'isem dawk li jonqsu li jersqu. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-attur rikonvenzjonat fl-24 ta' April, 2007, li biha laqa' għall-Kontro-Talba ta' ħutu Dorothy Aġius u Joseph Vassallo billi qal li t-talba ta' Dorothy Aġius saret għalxejn għaliex jgħid li hija kienet diġa' mqiegħda fil-pussess tal-legat imħolli lilha tal-post fi Triq il-Kbira, kif jidher mill-kuntratt tal-25 ta' Ottubru, 2002, fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar. Dwar it-talba ta' ħuh Joseph, jgħid li huwa m'għandu l-ebda oppożizzjoni li dik it-talba tintlaqa'. Dwar it-talba għad-dritt ta' *parking* fil-*garage*, huwa jisħaq li bis-saħħa tal-istess testment tal-ġenituri, huwa tħalla sehem ta' terz mhux maqsum minnu u jrid ukoll li jitqiegħed fil-pussess ta' dak il-legat, u billi l-*garage* hu ta' qies li jiflaħ, jista' jinqasam bla xkiel u kull legatarju jieħu sehemu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Vincent Vassallo fit-8 ta' Mejju, 2007, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża għaliex l-immissjoni mitluba mingħandu minn ħuh l-attur kienet ilha li saret bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku ta' immissjoni fil-pussess f'Awissu tal-2006, jiġifieri sa minn qabel ma nfetħet il-kawża;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Gabriel Vassallo fid-9 ta' Mejju, 2007, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża għaliex l-immissjoni mitluba mingħandu minn ħuh l-attur kienet ilha li saret bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku ta' immissjoni fil-pussess f'Awissu tal-2006, jiġifieri sa minn qabel ma nfetħet il-kawża;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Mario Vassallo fil-5 ta' Lulju, 2007, li biha huwa stqarr li kien

jaqbel mat-talbiet tal-attur u li ma kienx ħtija tiegħu li l-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess ma seħħx, iżda ta' wħud mill-imħarrkin l-oħrajn li, minħabba mġibithom, kienu sfrattaw l-appuntament li kien diġa' ġie iffissat min-Nutar għall-pubblikazzjoni tal-att meħtieġ[1];

Rat il-verbal tas-Smigħ ta' qabel il-Proċess miżmum fit-22 ta' Jannar, 2009;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt l-is-smigħ tat-2 ta' April, 2009, li biha ngħata tagħrif li l-partijiet kienu qablu li jqabbdu nutar biex jippubblika l-att nutarili meħtieġ;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta' Mejju, 2009;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-16 ta' Ġunju, 2009, li fih jirriżulta li b'att nutarili ippubblikat min-Nutar Robert Micallef fil-25 ta' Mejju, 2009, l-partijiet kienu lkoll dehru fuq dak l-att u b'hekk inqatel il-mertu tal-azzjoni attriċi u dik rikonvenzjonali, iżda l-partijiet talbu li din il-Qorti tagħti sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet dwar il-kap tal-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ġunju, 2009, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal immissjoni fil-pussess ta' legati b'talba rikonvenzjonali li wkoll titlob lill-attur rikonvenzjonat iqiegħed lil uħud mill-imħarrkin fil-pussess ta' legati mħollijin lilhom;

---

[1] Milli jidher, l-imħarrek kien nesa li huwa wkoll kien deher fuq kuntratt nutarili fid-29.8.2006 li fih kienet saret immissjoni reċiproka ta' pussess f'diversi legati bejn uħud mill-aħwa, fosthom dawk li dwarhom l-attur qiegħed iressaq il-kawża tal-lum, Dok "GV1", f'paġġ. 74 – 8 tal-proċess

Illi jirriżulta li, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża u fuq stediniet li l-Qorti għamlet lill-partijiet waqt il-fażi tal-proċedura ta’ Qabel is-Smigħ (*pretrial*), il-partijiet seħħilhom isibu mod kif jiftehmu fuq kull kwestjoni li kellhom bejniethom dwar il-wirt tal-ġenituri tagħhom u sar kuntratt pubbliku dwar dan;

Illi minħabba li fl-imsemmi kuntratt ma jidhirx li l-partijiet qanqlu l-kwestjoni tal-ispejjeż ta’ din il-kawża, talbu li tkun din il-Qorti li taqtagħha kif u min għandu jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji;

Illi l-Qorti jkollha tosserva li l-kwestjoni kienet waħda bejn aħwa fuq l-implimentazzjoni ta’ dispożizzjonijiet ħerġin mill-istess testmenti *unica charta* tal-ġenituri tagħhom. Tqis ukoll li, minn eżami tal-korrispondenza li ntbagħtet mill-avukati rispettivi tal-partijiet qabel infetħet din il-kawża, b’daqsxejn ta’ rieda tajba u ftit anqas pika, kull kwestjoni li nqalgħet setgħet tinħall b’mod iżjed diskret bla ma kien meħtieġ li titressaq kawża jew kontro-kawża;

Illi għal xi raġuni mhix magħrufa, kważi kull wieħed mill-partijiet qabbad avukat differenti biex jidher għalih u dan, minbarra li ħalaq duplikazzjoni ta’ atti ġudizzjarji tista’ tgħid waħda bħall-oħra, għen biex jitilgħu l-ispejjeż involuti;

Illi għal xi raġuni wkoll mhix magħrufa, l-attur għażel li jiftaħ il-kawża u jressaq talbiet fil-konfront ta’ tlieta minn ħutu – Mario, Gabriel u Vincent – li magħhom kien diġa’ resaq fuq kuntratt ta’ immissjoni fil-pussess reċiproku, u dan xi xhur qabel ma fetaħ il-kawża, liema kuntratt kien jieħu ħsieb sewwasew l-istess legati li dwarhom l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi huwa minnu li l-attur kellu kull dritt li jitlob li jitqiegħed fil-pussess tal-legati mħollijin lilu mill-ġenituri tiegħu u din it-talba għamilha wkoll b’att ġudizzjarju qabel ma fetaħ din il-kawża.  L-għaref difensur tal-imħarrkin Dorothy Aġius u Joseph Vassallo issottometta li l-patroċinati tiegħu qatt ma ċaħħdu lill-attur mill-jeddijiet tiegħu, imma kienu biss

jitolbuh li, biex jersqu fuq kuntratt ta’ immissjoni fil-pussess, huwa jrid ikun lest ukoll li jimmitti lilhom fil-pussess tal-legati mħollijin lilhom;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur kien tal-fehma li t-talba ta’ ħutu Dorothy u Joseph ma kinitx mistħoqqa għaliex huma kienu ilhom żmien immesi fil-pussess tal-ħwejjeġ imħollija lilhom. Jidher li l-attur wasal għal din il-fehma billi, fil-każ ta’ oħtu Dorothy Aġius, kienet saret dikjarazzjoni f’kuntratt ippubblikat fil-25 ta’ Ottubru, 2002[2], li biha ngħad li “*billi l-komparenti Dorothy Aġius diġa’ wirtet in-nofs indiviż tal-imsemmi fond, qed tkun akkwistat it-totalita’ kollha tal-istess fond*”[3]; u, fil-każ ta’ ħuh Joseph, billi jgħid li dan ilu s-snin jokkupa l-post imħolli lilu fil-legat tiegħu u b’hekk kien diġa’ fil-pussess;

Illi, bla ma ttawwal bla bżonn dwar dan il-punt, il-Qorti ssib li l-fehmiet tal-attur ma jaqblux sewwa ma’ dak li trid il-liġi meta titkellem dwar l-immissjoni fil-pussess[4], u forsi għalhekk ukoll inħoloq xi diżgwid mal-imħarrkin Dorothy Aġius u Joseph Vassallo. Iżda min-naħa l-oħra, lanqas ma taqbel mal-atteġġament muri mill-imħarrkin Dorothy Aġius u Joseph Vassallo li, minkejja r-raġun li seta’ kellhom biex jitolbu l-immissjoni favurihom tal-legati mħollijin lilhom, ma għenu bl-ebda mod biex jevitaw li ħuhom l-attur jifdallu triq oħra għajr li jiftaħ din il-kawża kontra tagħhom. Il-fatt li huma nqdew b’dik il-kawża biex iressqu l-azzjoni rikonvenzjonali tagħhom turi li ż-żewġ naħat kienu t-tnejn fl-istess keffa, ladarba r-raġuni u l-bwonsens ma seħħilhomx jieħdu tagħhom. Minbarra dan, l-attur kien qiegħed f’qagħda agħar minn dik li kienu fiha ħutu l-imħarrkin rikonvenjenti, u dan minħabba l-fatt li waqt li huma kienu fiżikament qegħdin igawdu l-ġid imħolli lilhom bit-testment tal-ġenituri tagħhom, l-attur ma jidhirx li kellu dik it-tgawdija jew imqar aċċess;

Illi l-liġi proċedurali tipprovdi[5] li, f’kull każ, torbot lil xi parti jew partijiet jerfgħu biċċa kull wieħed mill-ispejjeż tal-kawża jekk tkun telliefa f’xi punt tal-kawża jew għal xi

---

[2] Dok “AV10”, f’paġġ. 51 – 5 tal-proċess
[3] *Ibid.* f’paġ. 52 tal-proċess
[4] Art. 726 tal-Kap 16
[5] Art. 223(3) tal-Kap 12

raġuni tajba oħra. Din id-dispożizzjoni tal-liġi ilha żmien titfisser bħala għarfien tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lil kull Qorti li tqis dwar il-kap tal-ispejjeż skond il-fattispeċi u l-implikazzjonijiet ta' kull każ imressaq quddiemha għal deċiżjoni[6];

Illi mill-apprezzament li għamlet tal-atti proċesswali, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur irid jerfa' l-ispejjeż tal-aħwa li ħarrek għalxejn, u wkoll tal-kontro-talba li kellha titressaq minħabba li hu fehem ħażin il-qagħda ta' ħutu rikonvenjenti. Fl-istess waqt, il-Qorti hija tal-fehma li l-imħarrkin Dorothy Aġius u Joseph Vassallo jridu jerfgħu l-ispejjeż tal-kawża miftuħa mill-attur ħuhom (ħlief dawk li jirreferu għall-aħwa l-oħrajn), għaliex id-dikjarazzjoni tagħhom sempliċi li ma jopponux il-pretensjonijiet tal-attur ma sarrfuhiex (kif setgħu bla ebda ħsara jagħmlu) f'imġiba li setgħet wasslet biex jintlaħaq sa minn żmien qabel l-istess ftehim li ntlaħaq waqt li kienet miexja l-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis iżjed it-talbiet attriċi** fil-mertu, u dan minħabba li, fiż-żmien li kienet miexja l-kawża, il-partijiet resqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess tal-legati kif mitlub mill-attur fit-talbiet tiegħu;

**Tastjeni milli tqis ukoll it-talbiet rikonvenzjonali** fil-mertu, u dan minħabba li, fiż-żmien li kienet miexja l-kawża, il-partijiet resqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess tal-legati kif mitlub mill-imħarrkin Dorothy Aġius u Joseph Vassallo fil-kontro-talba tagħhom;

Għal dak li jirrigwarda **l-ispejjeż tal-kawża** tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż tal-imħarrkin Mario Vassallo, Gabriel Vassallo u Vincent Vassallo, minħabba li kontrihom il-kawża nfetħet għal xejn, u kif ukoll l-ispejjeż tal-kontro-talba mressqa mill-imħarrkin Joseph Vassallo u Dorothy Aġius; filwaqt li tikkundanna lill-imħarrkin Dorothy Aġius u Joseph Vassallo jħallsu, flimkien u solidalment

[6] App. Ċiv. **1.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Costantino Muscat pro et noe vs Nażżareno Muscat et***

bejniethom, l-ispejjeż tal-kawża miftuħa mill-attur, minbarra dawk li dwarhom din is-sentenza ipprovdiet mod ieħor.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------